# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 87

29 ta' Awwissu, 2018

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat, f'nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Margaret Said – Kunsilliera
Marie Georgette Spiteri – Ambaxxattriċi għaż-Żgħażagħ

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Frances Galea – Viċi Sindku (imsiefra)
Maria Cassar Sultana – Kunsillera (imsiefra)

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## **Aġenda Nru. 87**

87.1 Binja ġdida fi Triq Ta’ Ċenċ

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-membri preżenti li l-Viċi Sindku, l-Kunsilliera Cassar Sultana u l-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa b'urġenza.

## 87.1 Binja ġdida fi Triq Ta' Ċenċ

87.1.1 Is-Sindku qal lill-Kunsill li kellha tissejjaħ din il-laqgħa b'urġenza peress li l-Kunsill irċieva diversi ilmenti mingħand ir-residenti li jiffrekwentaw u jgħaddu minn Triq Ta' Ċenc fejn qed issir binja mill-Kuntrattur Karkanja Ltd. Dan il-kuntrattur qed iħaffer għal pedamenti fejn qabel kien hemm il-binja Canadiana fi Triq Ta' Ċenċ kantuniera ma' sqaq fi Triq tal-Moxa biex tinbena blokka ta' appartamenti u garaxxijiet taħt l-art bil-permessi mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar bin-Numru PA 914/17 u permess pendenti bin-Numru PA5858/18. Is-Sindku qal li wara li dan waqqa din il-binja apparti li kisser il-bankina u qatta taħta eżatt mas-street side gutter bil-konsegwenza li din il-bankina ġiet eliminata għal kollox u fuq dan il-gutter twaħħal fence fit-triq mall-bidu tal-asfalt tat-triq u fuq in-naħa tal-isqaq ta' Triq tal-Moxa il-wiċċ tal-konkos tkisser x'aktarx bil-makkinarju. Is-Sindku qal li peress li hemm ħofra fonda hemm il-konsegwenza li t-triq hija fi stat ta' periklu u b'hekk il-Kuntrattur ġie avviċinat mill-Kunsill dwar dan ir-rigward u biex l-isqaq jigi rranġat u ma jkunx hemm inkonvenjent għar-residenti li jgħixu fih u min jgħaddi minnu. Il-Kuntrattur qed jitlob li ssir bankina temporanja fi Triq Ta' Ċenċ. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba għaliex din se toħroġ il-barra u se tkun aktar ta' periklu peress li din il-parti ta' triq hija dejqa u jekk issir din ma tkunx aċċessibli għal żewġ karreġjati u għat-traffiku speċjalment minn naħa ta' fuq għal Pjazza Santa Margerita.

Il-laqgħa ntemmet fis-12.15 p.m.

Konfermati, 17 ta' Settembru 2018

| | |
|---|---|
| **(Iffirmata)** | **(Iffirmata)** |
| Philip Vella | Jason Curmi |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |